Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1074/2004

**Industrial Motors Limited**

**vs**

**Jetglass Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u tnejn u tletin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1232.27) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-ittra mmarkata Dok 1.

Bl-imghaxijiet mis-26 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta li tinsab minn issa ngunta in subizzjon i.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fejn cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez u l-imghax.

Ghaldaqsatant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------